MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 1257/2003

**Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance Plc u b'nota tas-7 ta' Mejju, 2004 l-atti gew assunti minn Elmo Insurance Limited**

**Vs**

**Philippa Kottoras**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' hamsin lira Maltin (Lm50) rapprezentanti *excess* fuq polza t'assigurazzjoni li l-konvenuta kellha ma' l-istess kumpanija attrici u dan billi fit-22 t'April, 2001 Emanuel Kottoras kien qed isuq il-vettura MAN 878 tal-konvenuta u din il-karozza kienet involuta f'kollizjoni u b'rizultat ta' dan is-socjeta' attrici kellha thallas il-*claim* u b'hekk qieghda tesigi l-*excess* fuq imsemmi.

Ra li l-konvenuta rrispondiet illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt stante li preliminarjament il-mertu tal-kawza qed jistenna l-ezitu ta' kawza ohra 476/2001JB u li l-konvenuta qatt ma awtorizzat lis-socjeta' attrici biex thallas id-danni ta' l-incident in kwistjoni.

Ra d-digriet tas-16 ta' Jannar, 2004 li permezz tieghu t-Tribunal ordna lill-konvenuta sabiex tesebixxi kopja ta' l-Avviz tal-kawza msemmija fir-Risposta taghha u tinforma lit-Tribunal dwar l-andament ta' l-istess kawza.

Ra li nonostante diversi differimenti l-konvenuta naqset li taghmel dak mitlub.

Ra d-dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici u sema' x-xhieda tal-Maggur Joseph Mula.

Ra li l-kawza kienet differita ghas-seduta tas-7 ta' Mejju, 2004 ghall-provi kollha tal-konvenuta b'dan illi fin-nuqqas it-Tribunal jiddifferixxi l-kawza ghas-sentenza.

Ra li l-konvenuta naqset milli ghal darb' ohra tidher quddiem it-Tribunal u li b'hekk il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta' attrici rceviet *claim* rizultanti minn kollizjoni li sehhet fit-22 t'April, 2001 u li s-socjeta' attrici waslet ghall-konkluzjoni li s-sewwieq tal-karozza tal-konvenuta kien responsabbli ghall-incident u fil-fatt ipprocediet biex hallset lit-*third party* l-ammont ta' tlett mija u sebgha u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm397.60c) u li mix-xhieda tal-Maggur Joseph Mula rrizulta li l-konvenuta kellha *excess* ta' hamsin lira Maltin (Lm50).

Illi huwa risaput li meta ssir *claim*, l-assigurazzjoni tigi awtorizzata tindirizza l-*claim* u tasal ghall-konkluzjonijiet xierqa.  Illi ghalhekk huwa evidenti li s-socjeta' attrici kellha kull dritt thallas lit-*third party* u tesigi l-*excess* minghand il-konvenuta.

Illi ghalhekk it-talba attrici tinsab debitament pruvata.

Illi ma ngabu l-ebda provi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux alternattiva hlief li jichadha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont mitlub ta' hamsin lira Maltin (Lm50) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------